

Brussell, 28 ta' April 2026
(OR. en)

8435/26

AG 70
SIMPL 79
BETREG 3
IA 96

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 380 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Ġabra ta' Regoli tal-UE Aktar Sempliċi, Aktar Ċari u Infurzati Aħjar



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 28.4.2026
COM(2026) 380 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Ġabra ta' Regoli tal-UE Aktar Sempliċi, Aktar Ċari u Infurzati Aħjar

L-Unjoni Ewropea tinsab f'mument kruċjali fl-istorja. Qed tiffaċċja ambjent ġeopolitiku mimli tensjoni, pressjoni ekonomika u theddid għas-sigurtà u d-demokrazija. Fl-istess ħin, qed tagħmel li tista' biex b'mod urġenti tindirizza l-ostakli strutturali li qed iżommuha lura u biex ittejjeb il-kundizzjonijiet għall-appoġġ ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva, innovattiva u sostenibbli ħafna. Għal dan, jeħtieġ li niżguraw qafas regolatorju sempliċi, effiċjenti, trasparenti u infurzabbli, ibbażat b'mod sod fuq l-istat tad-dritt, u li jappoġġa suq uniku integrat bis-sħiħ. Huwa essenzjali li Ewropa magħquda tibni fuq il-punti b'saħħithom tagħha u żżomm vantaġġ kompetittiv. L-infurzar tad-dritt tal-UE b'mod strateġiku huwa ċentrali għal dan l-isforz, b'attenzjoni partikolari għal fejn huwa l-aktar importanti għan-nies u n-negozji tagħna. Il-kwalità u l-infurzabbiltà tar-regoli tal-UE jsawru wkoll il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi esternament u tipproġetta l-istandards tagħha, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà ekonomika u l-influwenza globali tal-UE.

Kif rikonoxxut mill-OECD¹, il-Kummissjoni topera waħda mill-aktar sistemi avvanzati ta' regolamentazzjoni aħjar, sistema li tgħaqqad flimkien evidenza, analiżi tal-impatt u konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati. B'mod parallel, ħadet passi ambizzjużi biex issaħħaħ is-suq uniku, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-libertajiet fundamentali u biex tipproteġi l-istat tad-dritt. Minkejja dan, iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi spiss jiffaċċjaw leġiżlazzjoni kumplessa, densa jew ambigwa fil-livell tal-UE jew f'dak nazzjonali. Huma jiffaċċjaw ukoll dewmien eċċessiv fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-UE, sfidi fl-infurzar, ostakli burokratiċi u regolamentazzjoni żejda nazzjonali mhux meħtieġa.

L-implimentazzjoni frammentata, tard jew b'nofs qalb tad-dritt tal-UE xxekkel l-ilĥuq tal-oġġettivi ta' politika tal-UE, iddgħajef is-suq uniku u timmina l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE. Ksur dejjiemi u sinifikanti tad-dritt tal-UE jista' jimmina wkoll l-istat tad-dritt, li għadu taħt pressjoni fil-kuntest globali attwali. Il-garanzija tal-istat tad-dritt mhijiex biss kwistjoni ta' protezzjoni tal-valuri tal-UE. Hija fundamentali għaċ-ċertezza legali, għall-prevedibbiltà u għal ambjent favorevoli tal-investment u n-negozju.

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li timmodernizza kif il-liġijiet tal-UE jitfasslu, jiġu implimentati u infurzati, filwaqt li tiżgura li jkunu ċari, aġli u adatti għall-iskop tagħhom, u b'hekk tappoġġa l-kisba ta' One Europe, One Market². Billi tirrazzjonalizza l-proċeduri, issaħħaħ il-bażi tal-evidenza tal-proposti tagħna, u tiżgura l-applikazzjoni stretta tal-proporzjonalità, l-UE tista' tappoġġa l-ilĥuq tal-oġġettivi ta' politika tagħha, tagħti spinta lill-kompetittività, issaħħaħ iċ-ċertezza legali, u twassal risponsi aktar rapidi u aktar effettivi għal ħtiġijiet urġenti. B'dawn l-għanijiet f'moħħha, il-Komunikazzjoni qed tintroduċi miżuri għal implimentazzjoni aħjar u infurzar aktar mgħaġġel tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma kollha ta' politika. Se ssir enfasi partikolarment strateġika fuq l-infurzar tal-ġabra ta' regoli tas-suq uniku.

Inizjattivi ġodda tal-UE għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, inkluż mas-“sempliċità mit-tfassil”. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja u jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' politika tal-Unjoni bl-aktar mod effiċjenti. Il-miżuri u l-prinċipji stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni se jkunu riflessi fil-linji gwida u fl-istrumenti għal regolamentazzjoni aħjar u jiġu implimentati gradwalment, bi prijorizzazzjoni bir-reqqa tal-azzjonijiet tagħha. Min-naħa tagħha, il-leġiżlazzjoni eżistenti għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fejn meħtieġ, biex jiġi żgurat li tibqa'

¹ OECD Regulatory Policy Outlook 2025, https://www.oecd.org/content/dam/oecd/en/publications/reports/2025/04/oecd-regulatory-policy-outlook-2025_a754bf4c/56b60e39-en.pdf

² https://commission.europa.eu/document/5445de81-9481-4335-9902-9756159ba614_en

rilevanti u biex titrawwem il-koerenza bejn biċċiet ta' leġislazzjoni relatati. Għal dak il-għan, din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tindif Regulatorju fil-Fond bil-għan li jindirizza 12-il qasam ta' prijarità.

Il-Kummissjoni talbet il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar regolamentazzjoni aħjar permezz ta' sejħa għal evidenza³. Waslu madwar 288 sottomissjoni minn 27 pajjiż⁴. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati jqisu l-istrumenti għal regolamentazzjoni aħjar bħala essenzjali għall-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE. Huma jappellaw biex dawn l-istrumenti jissaħħu u jiġu modernizzati, b'aktar trasparenza, responsabbiltà u robustezza legali.

1. SEMPLIĊITÀ MIT-TFASSIL

Biex jinholq suq uniku aktar koeżiv u effiċjenti, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-proposti leġislattivi l-ġodda jevitaw il-kumplessità u l-frammentazzjoni regulatorji. Is-sempliċità u ċ-ċarezza regulatorji huma fost it-tfassib ewlieni mqajjem mill-partijiet ikkonċernati fis-sejħa għal evidenza, u jargumentaw li s-sempliċità trid tinbena fil-liġijiet mill-aktar stadji bikrija tad-disinn.

Proposta tkun “sempliċi mit-tfassil” jekk dawk affettwati minnha jkunu jistgħu jifhmu faċilment:

- x'inhu l-għan,
- min irid jagħmel xiex u meta,
- kif id-drittijiet u l-obbligi l-ġodda jinteraġixxu ma' dawk eżistenti,
- kif tinkiseb il-konformità, u
- x'jiġri jekk l-obbligi ma jiġux issodisfati.

Il-liġijiet għandhom ikunu ċari biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiġu implimentati malajr u applikati b'mod konsistenti u prevedibbli, inkluż mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-qrati. Il-Kummissjoni se tfttex li tapplika l-prinċipju ta' “sempliċità mit-tfassil” għall-proposti legali li jmiss tagħha u tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jaderixxu miegħu wkoll meta jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom.

Is-“sempliċità mit-tfassil” għandha diversi dimensjonijiet:

Dixxiplina regulatorja

Biex jinholq qafas regulatorju aktar effettiv u effiċjenti, huwa essenzjali li l-Ewropa tkun tista' tipprijoritizza u tiffoka fuq l-aktar sfidi u riskji sinifikanti. Id-dixxiplina regulatorja hija mezz biex jiġi żgurat li l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jiġu applikati b'mod konsistenti fid-dritt tal-UE. B'dan il-mod, l-Unjoni tista' tiffoka l-isforzi u r-riżorsi tagħha fuq oqsma fejn l-azzjoni fil-livell tal-UE tkun meħtieġa, iġġib l-aktar valur miżjud u tkun proporzjonata.

Irridu nuru wkoll dixxiplina u fokus meta nistabbilixxu r-regoli ta' implimentazzjoni, biex nevitaw li l-leġislazzjoni tal-UE ssir twila, kumplessa u għalja wisq. Fil-proposti leġislattivi li

³ Sejħa għal evidenza, https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/16232-Il-Komunikazzjoni-dwar-regolamentazzjoni-aħjar_mt.

⁴ Ir-rispondenti jinkludu assoċjazzjonijiet ta' impriżi (100), NGOs (65), ċittadini tal-UE (29), kumpaniji (22), awtoritajiet pubbliċi (22), “oħrajn” (16), “trade unions” (12), “istituzzjonijiet akkademiċi/ta' riċerka” (11) “organizzazzjonijiet ambjentali” (5), “organizzazzjonijiet tal-konsumatur” (4), u “ċittadini mhux tal-UE” (2).

ġejjin, il-Kummissjoni se tfitte li tippromponi biss setgħat imfassla tajjeb għal atti delegati u ta' implimentazzjoni li jkunu strettament meħtieġa biex jiġu implimentati u infurzati ir-regoli tal-UE jew l-obbligi internazzjonali b'mod effettiv. Nappellaw ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex japplikaw l-istess dixxiplina f'dan ir-rigward, matul il-proċess leġislativ kollu.

Biex jiġi approfondit is-suq uniku u tissaħħaħ l-attrazzjoni tal-UE fl-ekonomija globali, l-għażla tal-istrument legali t-tajjeb u l-grad ta' armonizzazzjoni huma kruċjali. L-għażla tal-att legali trid tkun ġustifikata, abbażi tat-Trattati kif ukoll tal-għan u l-kontenut tal-att legali⁵. Għal kwistjonijiet b'dimensjoni b'saħħitha tas-suq uniku u jekk il-kompetenza tal-UE tippermetti dan, użu aktar sistematiku ta' regolamenti eżawrjenti⁶ jista' jillimita l-obbligi ta' żieda u l-frammentazzjoni regolatorja, inkluż permezz ta' gold-plating. F'dawk il-każijiet, għandha tingħata preferenza lill-armonizzazzjoni sħiħa, fejn l-eċċezzjonijiet jeħtieġ li jkunu ġustifikati b'mod sod.

Regolamentazzjoni li tibqa' valida fil-futur u li tadatta

Biex l-innovazzjoni u t-tkabbir jiġu appoġġati, ir-regoli tal-UE u dawk nazzjonali jridu jipprovdu biżżejjed flessibilità biex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-iżviluppi futuri, f'kuntast ta' bidliet teknoloġiċi u ġeopolitiċi dejjem aktar rapidi. Dan jirrikjedi t-tfassil ta' regoli li jiffavorixxu l-innovazzjoni, jinkorporaw kunsiderazzjonijiet antiċipatorji u fit-tul, u jipprovdu ċ-ċertezza legali u l-fiduċja meħtieġa biex xi ħadd jinvesti u jopera fis-suq uniku. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tiżgura li r-regoli jiġu eżaminati mill-ġdid u aġġornati fejn meħtieġ biex jadattaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu u għall-bidliet teknoloġiċi.

Se nużaw ukoll klawżoli ta' estinzjoni, fejn xieraq, biex il-liġijiet jiskadu f'data futura speċifikata. Użati flimkien ma' klawżoli ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni f'waqthom, il-klawżoli ta' estinzjoni jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni tal-proliferazzjoni bla bżonn ta' regoli u rekwiżiti ta' rapportar. Huma jistgħu jiżguraw li l-liġijiet li ma għadhomx rilevanti ma jibqgħux fil-kotba tal-istatut. Il-lingwaġġ użat għall-klawżoli ta' estinzjoni, ta' monitoraġġ u evalwazzjoni se jkun standardizzat u armonizzat.

Leġislazzjoni aktar effiċjenti u aktar aċċessibbli

Barra minn hekk, huwa essenzjali li kulħadd ikun jista' jidentifika d-drittijiet u l-obbligi legali tiegħu b'mod aktar faċli, kif ukoll l-iskeda ta' żmien relatata għall-implimentazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni se ttejjeb is-sommarji tal-leġislazzjoni disponibbli fil-EUR-Lex⁷ biex tippreżenta b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi u tindika l-obbligi ta' implimentazzjoni nazzjonali. Apparti dan, aħna se: (i) naħdmu mal-istituzzjonijiet l-oħra biex isir aktar faċli li jiġu aċċessati l-liġijiet tal-UE, inkluż billi nagħmluhom jinqraw mill-magni; (ii) nagħmlu verżjonijiet aktar konsolidati tal-leġislazzjoni disponibbli u nagħmlu dan aktar malajr, sabiex l-att legali ewlieni u l-modifiki sussegwenti kollha tiegħu jkunu jistgħu jinqraw f'dokument

⁵ Filwaqt li d-direttivi jirrikjedu miżuri ta' traspożizzjoni u jippermettu lill-Istati Membri aktar flessibilità fl-implimentazzjoni, ir-regolamenti huma direttament applikabbli u jirregolaw il-qasam ta' politika mingħajr ma jesigū dispożizzjonijiet normattivi addizzjonali estensivi fl-Istati Membri.

⁶ Dan huwa l-każ fejn ir-regoli tal-UE jirregolaw b'mod eżawrjenti l-kwistjoni rregolata mill-att u jkun fihom sett sħiħ ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw fuq bażi awtonoma.

⁷ Il-EUR-Lex jipprovdi aċċess għad-dritt tal-UE, inkluż għall-Ġurnal Uffiċjali awtentiku tal-UE, għall-verżjonijiet konsolidati tal-atti legali tal-UE (testi mingħajr effett legali), għas-sommarji tal-leġislazzjoni u għall-ġurisprudenza. Huwa repożitorju online komprensiv tad-dritt tal-UE u ta' dokumenti relatati, li jippermetti lill-utenti jfittxu, jibbrawżjaw u jniżżlu dokumenti, u jsegwu l-progress tal-proposti leġislativi.

uniku; u (iii) inkomplu niżviluppaw l-Ispazju Ewropew tad-Data Legali biex jiġi żgurat aċċess online faċli għal leġiżlazzjoni u ġurisprudenza fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri⁸. Meta tfassal ir-rekwiżiti ta' rapportar, il-Kummissjoni se timplimenta l-prinċipju ta' darba biss u tagħmel is-sorsi ta' informazzjoni faċilment identifikabbli.

Il-Kummissjoni se tapplika standards imtejba għall-abbozzar tal-premessi ppreżentati fil-bidu ta' kull proposta leġiżlattiva. Dawn se jsiru aktar iffukati fuq l-istabbiliment tar-raġunament wara l-att legali u kif dan għandu jiġi interpretat, minflok ma sempliċiment issir parafrasi tad-dispożizzjonijiet tal-att jew referenzjar ta' inizjattivi jew objettivi ta' politika mhux relatati. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jikkontribwixxu wkoll għas-simplifikazzjoni tal-premessi matul il-proċess leġiżlattiv.

Biex ittejjeb il-konsistenza u l-koerenza tal-qafas regolatorju, il-Kummissjoni se tirrikorri għal tekniki stabbiliti bħall-kodifikazzjoni⁹ u r-riformulazzjoni¹⁰. It-tnejn jirriżultaw fis-sostituzzjoni u t-tħassir tal-atti preeżistenti u l-emendi tagħhom¹¹, u dan jikkontribwixxi għal qafas legali aktar koeżiv u komprensibbli li jkun aktar faċli għall-partijiet ikkonċernati kollha biex jifhemu u japplikawh. Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' dawn it-tekniki, huwa essenzjali li l-koleġiżlaturi jirrispettaw l-impenn tagħhom li ma jergħux jifhemu elementi oħra tal-leġiżlazzjoni.

Qafas legali koerenti u aktar effiċjenti jeħtieġ ukoll relazzjoni ċara bejn il-liġijiet u l-eliminazzjoni ta' trikkib u ta' dispożizzjonijiet żejda. Il-liġijiet jew id-dispożizzjonijiet li japplikaw għal setturi jew attivitajiet speċifiċi għandhom jikkomplementaw jew jissostitwixxu aktar milli jirreplikaw liġijiet jew dispożizzjonijiet li japplikaw b'mod aktar ġenerali. Bl-istess mod, regoli ġodda għandhom jindirizzaw lakuni regolatorji ġenwini aktar milli jergħu jiddikjaraw il-leġiżlazzjoni eżistenti. Għandhom jiġu żgurati konsistenza, ċarezza u koerenza sħaħ bejn id-dispożizzjonijiet ġodda u daww eżistenti.

Il-Kummissjoni se tiżgura li dawn il-prinċipji jiġu applikati fit-tnejn ta' proposti ta' politika ġodda, u se tagħmel ukoll sforz biex tirrieżamina l-atti legali eżistenti f'oqsma ewlenin fejn il-frammentazzjoni regolatorja saret partikolarment prevalenti, billi tibda b'daww l-oqsma deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tindif Regolatorju fil-Fond li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni.

Skadenzi realistiċi għat-traspożizzjoni u għall-implimentazzjoni

In-nies, in-negozji u l-gvernijiet jeħtieġu ż-żmien biex iħejju ruħhom għal regoli ġodda u jifhemu kif jikkonformaw magħhom. Fis-sejħa għal evidenza, il-partijiet ikkonċernati argumentaw li l-liġijiet għandhom jifasslu mill-bidu nett bil-ħsieb tal-implimentazzjoni. Tħassib kritiku mqajjem f'dan il-kuntest kien il-kwistjoni tal-perjodi ta' tranżizzjoni u ta' implimentazzjoni li ma jippermettux tnejn ta' suffiċjenti.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "DigitalJustice@2030", COM(2025) 802

⁹ Ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, ĠU C 102, p. 2, [EUR-Lex - 31996Y0404\(02\) - MT - EUR-Lex](#)

¹⁰ Ftehim interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali, OJ C 77, p. 1, [EUR-Lex - 32002Q0328 - MT - EUR-Lex](#)

¹¹ Fil-każ ta' kodifikazzjoni *vertikali*, att u l-emendi tiegħu jinġabru flimkien f'att ġdid; fil-każ ta' kodifikazzjoni *orizzontali*, l-atti bażiċi li jkopru l-kwistjonijiet relatati u l-emendi tagħhom jinġabru flimkien f'att ġdid. L-ebda każ ma jinvolvi bidliet sostantivi. Għar-riformulazzjonijiet, att leġiżlattiv ġdid jinkludi bidliet sostantivi u dispożizzjonijiet mhux mibdula f'test uniku.

Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni titfassal filwaqt li l-implimentazzjoni titqies mill-bidu nett. Se tapplika l-prinċipju “aħseb l-ewwel fiż-żgħir”, filwaqt li żżomm f’moħħha l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tan-negozji żgħar u ta’ daqs medju¹².

Il-Kummissjoni se żżid ukoll l-isforzi biex tiżgura li l-iskadenzi tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni jkunu fattibbli u kredibbli, abbażi ta’ stimi realistiċi taż-żmien meħtieġ biex jiġu żviluppati miżuri ta’ implimentazzjoni u strumenti diġitali, u biex in-negozji u l-awtoritajiet nazzjonali jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw. Meta tiġi proposta leġiżlazzjoni ġdida, se jiġu kkunsidrati sistematikament klawżoli ta’ anterjorità, perjodi ta’ konċessjoni, u dispożizzjonijiet li jipprevedu l-ittestjar u l-introduzzjoni gradwali ta’ obbligi ewlenin. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex bl-istess mod jagħtu attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni matul il-proċess leġiżlattiv kollu.

L-isfruttar tal-progress teknoloġiku

It-tfassil tal-politiki lesti għar-realtà diġitali jgħin biex jiġu identifikati l-aspetti diġitali ta’ inizzjattiva leġiżlattiva mill-aktar stadji bikrija tal-ippjanar u jinkorpora l-kunsiderazzjoni sistematika taġġhom fit-tfassil tal-politika. Dan l-approċċ strutturat jikkontribwixxi għal acquis aktar koerenti, implimentazzjoni diġitali aktar faċli tal-politiki, u progress fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi¹³. Barra minn hekk, teknoloġiji mill-aktar avvanzati, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, jistgħu jgħinu biex tittejjeb il-kwalità tal-liġijiet u jitnaqqsu d-diskrepanzi regolatorji fit-testi legali kollha.

F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed tiżviluppa strument ġdid tal-IT li se jgħin fl-immaniġġjar tal-liġijiet tal-UE, inklużi r-regoli ta’ implimentazzjoni, b’mod aktar faċli, u fl-identifikazzjoni ta’ trikkib, lakuni u kumplessità bla bżonn. B’mod parallel, l-istrument elettroniku tal-UE għall-abbozzar legali – EdiT – se jkompli jittejjeb sabiex jiżgura ċ-ċarezza u l-konsistenza fil-liġijiet proposti taġġna. Dawn l-azzjonijiet se jagħmluha aktar faċli biex jitħejjew il-liġijiet, jittejbu l-aċċessibilità u l-prevedibilità, u b’hekk jiġu protetti l-prijoritajiet bħat-tnaqqis tal-piż amministrattiv. Se jkun hemm klawżoli standard, inklużi dispożizzjonijiet favur in-negozji żgħar u ta’ daqs medju, li se jiffaċilitaw l-abbozzar u l-konsistenza legali.

It-taħriġ u l-gwida huma mod ieħor biex tiġi żgurata l-kwalità legali tal-proposti taġġna u li l-prinċipju ta’ “sempliċità mit-tfassil” għandu għerquq tajbin fiċ-ċiklu ta’ politika. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tinvesti fil-promozzjoni ta’ għarfien espert speċjalizzat intern dwar l-abbozzar legali, permezz ta’ programmi ta’ taħriġ obligatorji u gwida aġġornata għall-abbozzar legali. L-aħjar Prattiki u l-applikazzjoni ta’ dawn il-prinċipji se jiġu promossi minn network ta’ korrispondenti ta’ kwalità legali.

Infurzar mit-tfassil

Is-“sempliċità mit-tfassil” se twassal għal obbligi aktar ċari u aktar aċċessibbli għall-Istati Membri u n-negozji, filwaqt li tiffaċilita l-konformità mill-bidu nett. Ir-regoli tal-UE għandhom ikunu faċli biex jiġu implimentati, mmonitorjati u infurzati, u għandu jkun diffiċli li jiġu

¹² L-SMEs għandhom jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mill-obbligi fejn joħlqu ftit riskju regolatorju u għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta’ appoġġ fejn ikollhom bżonn jikkonformaw ma’ regoli li jiswew ħafna flus jew li jeħtieġu interpretazzjoni. L-ispeċifikitajiet tal-kumpaniji żgħar b’kapitalizzazzjoni medja għandhom jitqiesu wkoll fejn rilevanti.

¹³ Skont il-qafas ta’ politiki lesti għar-realtà diġitali, proposti leġiżlattivi b’impatti diġitali huma akkumpanjati minn Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva, <https://interoperable-europe.ec.europa.eu/collection/digital-ready-policymaking/digital-ready-policymaking-dprm-framework>.

abbużati jew evitati. Dan ifisser li l-mekkaniżmi ta' infurzar għandhom jitqiesu mill-bidu nett meta tiġi prodotta l-leġislazzjoni tal-UE. Strumenti inkorporati ta' monitoraġġ u infurzar jistgħu jkunu siewja għat-tipi kollha ta' atti legali, iżda huma partikolarment rilevanti għar-regolamenti, li huma direttament applikabbli. Il-mekkaniżmi li għandhom jiġu kkunsidrati se jvarjaw, iżda d-dispożizzjonijiet li ġejjin huma għażliet li wrew li huma ta' għajjnuna fil-kuntest partikolari tagħhom:

- il-ħatra ta' awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar u l-istabbiliment tas-setgħat ta' infurzar tagħhom, possibbilment flimkien ma' grad suffiċjenti ta' armonizzazzjoni tas-sanzjonijiet;
- setgħat robusti ta' ġbir ta' informazzjoni għall-Kummissjoni f'ċerti oqsma;
- mekkaniżmi robusti ta' notifika¹⁴ minn qabel għall-abbozz ta' leġislazzjoni nazzjonali, b'valutazzjoni vinkolanti tal-kompatibbiltà mill-Kummissjoni sabiex il-kwistjonijiet identifikati jiġu eliminati qabel ma jkunu ġew adottati l-miżuri nazzjonali.

Skont iċ-ċirkostanzi ta' kull proposta, il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk dawn it-tipi ta' dispożizzjonijiet ta' "infurzar mit-tfassil" jistgħux iżidu l-valur u se tużahom kif xieraq. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tfittex li timminimizza kwalunkwe piż għall-Istati Membri u għaliha nnifisha, fil-limitazzjonijiet baġitarji attwali, li jirriżultaw minn tali arranġamenti.

Azzjonijiet ewlenin

- Aktar enfasi fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità bħala parti **mid-dixxiplina regolatorja**, inkluż fuq l-għoti ta' setgħat għal atti delegati u ta' implimentazzjoni.
- Prijoritizzazzjoni ta' **regolamenti eżawrjenti u armonizzazzjoni sħiħa** meta jiġu rregolati kwistjonijiet relatati mas-suq uniku, fejn legalment fattibbli u xieraq.
- Klawżoli ta' monitoraġġ u evalwazzjoni regolari u f'waqthom, u l-użu ta' **klawżoli ta' estinzjoni** fejn xieraq, biex il-leġislazzjoni tinżamm reattiva għal żviluppi ġodda.
- Użu akbar ta' tekniki ta' **riformulazzjoni u ta' kodifikazzjoni** u l-iżgurar tal-**konsistenza bejn il-leġislazzjoni settorjali u dik ġenerali** u bejn **l-atti legali eżistenti u dawk ġodda**.
- L-identifikazzjoni ta' **termini u dispożizzjonijiet standard** tal-aħjar prattiki, b'formulazzjoni standard maqbula bejn l-istituzzjonijiet fejn possibbli, u **premessi aktar iffukati**.
- It-twaqqif ta' **skedi ta' żmien realistiċi għat-traspożizzjoni u għall-implimentazzjoni, u l-kunsiderazzjoni sistematika ta' miżuri** bħal klawżoli ta' anterjorità jew introduzzjoni gradwali biex tiġi ffaċilitat l-implimentazzjoni.
- L-iżvilupp ulterjuri u l-użu ta' **strumenti diġitali**, bħall-istrument elettroniku ta' abbozzar EdiT, strument ġdid għall-ġestjoni tal-*acquis*, waqt li jkompli jissaħħa il-

¹⁴ Dan jirreferi għal oqsma u miżuri nazzjonali mhux koperti minn mekkaniżmi ta' notifika eżistenti bħal dawk stabbiliti mid-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku u d-Direttiva dwar is-Servizzi.

punt ta' aċċess għad-dritt tal-UE, il-EUR-Lex, u jiġi żviluppat aktar l-Ispazju Ewropew tad-Data Legali.

- It-twaqqif ta' **network ta' korrispondenti tal-kwalità legali** fil-Kummissjoni kollha u l-introduzzjoni ta' **taħriġ obligatorju għall-abbozzaturi legali** bbażat fuq gwida aġġornata.
- **Mekkaniżmi aktar robusti ta' monitoraġġ u ta' infurzar** fl-atti legali tal-UE biex jiġi żgurat **l-infurzar mit-tfassil**, inkluża l-prevenzjoni ta' inkompatibbiltajiet mad-dritt tal-UE fi stadju bikri permezz ta' mekkaniżmi ta' notifika minn qabel.

2. INKOMPLU NTEJBU L-QAFAS TAGĦNA GĦAL REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR

Il-qafas regolatorju tal-UE jrid iwieġeb malajr għall-isfidi tal-lum, inkluż it-tisħiħ tal-prosperità u tal-kompetittività, jew l-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali, ambjentali u ġeopolitiċi. Dan jitlob fokus akbar kif ukoll aktar aġilità, rigorożità, ċarezza u prevedibbiltà.

Is-sistema ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni – li tirregola l-valutazzjonijiet tal-impatt, il-konsultazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet –hija rikonoxxuta b'mod wiesa' bħala punt ta' riferiment internazzjonali għall-kwalità għolja tagħha. Din il-Komunikazzjoni tintroduċi titjib immirat biex tiżgura li tkun tista' tirrispondi b'mod effettiv għal firxa usa' ta' sitwazzjonijiet. Dawn il-bidliet għandhom l-għan li jżidu kemm l-għadd kif ukoll ir-rilevanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt, jiżguraw l-aktar bażi ta' evidenza b'saħħitha possibbli meta azzjoni leġiżlattiva tkun urġenti, u jissimplifikaw is-sekwenzar tal-konsultazzjonijiet. Dan l-approċċ il-ġdid se jkun effettiv immedjatament iżda se jiġi implimentat gradwalment sar-reviżjoni tal-linji gwida u tas-sett ta' strumenti.

Aktar valutazzjonijiet tal-impatt iffukati

Fl-ewwel sena tal-mandat tagħha, il-Kummissjoni aġixxiet malajr u b'mod deċiżiv biex tindirizza wħud mill-aktar sfidi ġeopolitiċi u ekonomiċi impenjattivi f'għexieren ta' snin. Dan kien jinvolvi l-adozzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi permezz ta' proċeduri ta' urġenza, inklużi diversi proposti ta' simplifikazzjoni¹⁵. Filwaqt li f'każijiet ta' urġenza estrema xorta jista' jkun hemm bżonn ta' derogi minn ċerti standards ta' regolamentazzjoni aħjar, il-bidliet deskritti f'din il-Komunikazzjoni se jippermettu lill-Kummissjoni jkollha aktar inizjattivi akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt¹⁶.

Biex dan ikun possibbli, se tkun meħtieġa applikazzjoni aktar rigoruża u strutturata tal-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità. Il-valutazzjonijiet tal-impatt se jiffukaw fuq dak li huwa importanti, jiġifieri dwar il-valutazzjoni ta' impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proposta partikolari. Barra minn hekk, approċċ aktar imfassal apposta se jiddistingwi bejn inizjattivi jew reviżjonijiet leġiżlattivi ġodda ewlenin minn naħa waħda, u inizjattivi aktar

¹⁵ Dawn kienu jinkludu leġiżlazzjoni Omnibus, li hija att leġiżlattiv uniku li jemenda diversi liġijiet.

¹⁶ Valutazzjoni tal-impatt mhijiex meħtieġa għall-proposti leġiżlattivi kollha, strumenti għal regolamentazzjoni aħjar, STRUMENT #7. X'inhi valutazzjoni tal-impatt u meta tkun meħtieġa, https://commission.europa.eu/law/law-making-process/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox/better-regulation-toolbox_en?prefLang=mt.

immirati¹⁷ min-naħa l-oħra. Approċċ bħal dan se jistabbilixxi l-evidenza u l-analiżi meħtieġa skont in-natura tal-inizjattivi u l-impatti mistennija tagħhom, inkluż impatti esterni potenzjali fejn rilevanti.

Dan l-approċċ se jiġi rifless f'mudelli riveduti għall-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet. Dawn se jinkludu l-iżvilupp ta' "matriċi ta' impatti ewlenin" mill-bidu nett biex tiffoka aħjar fuq l-impatti li huma sinifikanti u rilevanti għal kull proposta individwali. B'dan il-mod, se nkunu nistgħu nidentifikaw l-impatti ewlenin u l-aspetti essenzjali li għandhom jiġu analizzati, u b'hekk niddefinixxu l-enfasi tal-valutazzjoni tal-impatt u niddeterminaw l-ambitu u l-profondità tal-analiżi. Il-kunsiderazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji se tibqa' parti ewlenija minn din l-analiżi aktar iffukata u konċiża, b'ċifri, data u statistika li jkollhom rwol prominenti, fejn disponibbli. Sa fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni se tagħmel hilita biex tilħaq dawn l-għanijiet billi tagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi interni, mill-kapaċità u mill-għarfien espert tagħha stess.

L-approċċ aktar rigoruż se jwassal biex il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jwettaq il-kontroll tal-kwalità tiegħu fuq firxa usa' ta' valutazzjonijiet li jappoġġaw il-proposti ta' politika. Tali skrutinju estiż, li huwa appoġġat b'mod wiesa' mill-partijiet ikkonċernati, se jqis ukoll in-natura u s-sinifikat tal-impatti ta' kull proposta. F'każ ta' proposti ewlenin, il-Bord se jkompli joħroġ opinjonijiet kwalifikati¹⁸ filwaqt li f'każ ta' inizjattivi aktar immirati, se joħroġ rakkomandazzjonijiet għal titjib li se jiġu kkomunikati u kkunsidrati b'mod trasparenti. Dan se jirriżulta fi kwalità mtejbja ta' evidenza għal proposti li bħalissa mhumiex skrutinizzati mill-Bord.

Rekwiżiti minimi għal perkorsi aċċellerati

Sitwazzjoni ta' urġenza tinqala' f'każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni rapida tal-UE biex tiġi evitata ħsara sinifikanti, jiġu ssodisfati l-obbligi legali jew tinħataf opportunità kritika. L-Ombudsman Ewropew ħareġ rakkomandazzjonijiet¹⁹ dwar il-mod li bih il-Kummissjoni tappoġġa proposti urġenti b'evidenza. L-użu ta' proċedura ta' urġenza tqajjem ukoll minn risponenti għal sejħa għal evidenza. Filwaqt li r-risponenti jirrikonoxxu li emerġenzi ġenwini jistgħu jeħtieġu proċeduri aċċellerati, xorta għandhom isiru konsultazzjoni u valutazzjoni, sa fejn ikun possibbli.

Bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew u għat-tħassib tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni se tivvaluta s-sensittività għaż-żmien ta' kull sitwazzjoni u l-konsegwenzi detrimental possibbli ta' azzjoni mdewma biex tiddistingwi urġenza minn espedjenza ta' rutina. Meta tagħmel dan, se tqis parametri bħal:

- l-eżistenza jew l-antiċipazzjoni ta' xokkijiet jew kriżijiet, inkluż fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni;
- konsegwenzi potenzjali fin-nuqqas ta' azzjoni immedjata;
- skadenzi legali; kif ukoll
- kuntest politiku li joħloq ħtieġa għal azzjoni urġenti.

¹⁷ L-inizjattivi mmirati huma dawk li ma jbidlux b'mod sinifikanti l-oġettivi ta' politika tal-leġiżlazzjoni eżistenti u jipproponu bidliet li prinċipalment għandhom l-għan li jottimizzaw l-effettività u l-effiċjenza tagħha.

¹⁸ Jiġifieri opinjoni pożittiva, opinjoni pożittiva b'riżervi, opinjoni negattiva.

¹⁹ Rakkomandazzjonijiet konġunti għall-inkjesti 983/2025/MAS, 2031/2024/VB u 1379/2024/MIK

Anki f'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni se tistinka biex tikseb l-aħjar bażi ta' evidenza possibbli. Fejn ikun fattibbli, il-Kummissjoni se theggi valutazzjoni tal-impatt għal inizzjattivi urġenti b'impatti sinifikanti mistennija. Din il-valutazzjoni mbagħad tkun soġġetta għal rieżami mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju. Il-Bord se jqis l-iskedi ta' żmien meħtieġa u joħroġ rakkomandazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jiżgura li l-proposta tibbenefika mill-iskrutinju tiegħu, u jirrikonoxxi r-restrizzjonijiet imposti mill-ħtieġa li tittieħed azzjoni b'mod urġenti.

Sabiex jinżamm involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati skont il-proċedura aċċellerata, il-Kummissjoni, fil-prinċipju, se tikkonsulta lill-pubbliku fil-forma ta' sejħa għal evidenza. Din se tipprovi lin-negozji, liċ-ċittadini, lis-soċjetà ċivili, lill-awtoritajiet pubbliċi u lil partijiet ikkonċernati oħra b'opportunità li jikkontribwixxu għat-tfassil tal-inizzjattiva. Jistgħu jitwettqu wkoll konsultazzjonijiet immirati ma' diversi partijiet ikkonċernati, li possibbilment jinkludu djalogi ta' implimentazzjoni jew kontrolli tar-realtà, biex jinġabar għarfien prattiku u jiġi żgurat li l-miżuri proposti jkunu effettivi, effiċjenti u implimentabbli.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn il-ħtieġa għal azzjoni urġenti tkun tant akuta li l-proposti jridu jiġu adottati fi żmien qasir, il-Kummissarju responsabbli għal regolamentazzjoni aħjar jista' jagħti derogi mill-istandards proċedurali tas-soltu indikati hawn fuq. Dawn jiġu kkunsidrati biss meta l-urġenza partikolari tintwera b'mod ċar.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, il-Kummissjoni se tiżgura li jitħejja dokument ta' ħidma analitiku tal-persunal biex jakkumpanja l-proposta jew li jiġi ppubblikat malajr kemm jista' jkun, mhux aktar tard minn 3 xhur wara li l-proposta tiġi adottata. Dan id-dokument se jinkludi bħala minimu:

- id-definizzjoni tal-problema;
- l-approċċ identifikat biex tiġi indirizzata l-problema;
- valutazzjoni tal-impatti ewlenin tal-proposta, inkluża analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji u valutazzjoni tal-konsistenza klimatika.

Il-valutazzjoni tal-urġenza u d-derogi kollha se jiġu ddokumentati kif xieraq, irreġistrati b'mod trasparenti u rrapportati fil-memoranda ta' spjegazzjoni tal-proposti. Dan l-approċċ joħloq bilanċ għaqli bejn il-ħtieġa għal azzjoni urġenti u l-imperattiv li jiġi żgurat li l-istandards ta' regolamentazzjoni aħjar ikunu għoljin kemm jista' jkun fiċ-ċirkostanzi kollha.

Sistema ta' konsultazzjoni aktar intelliġenti u aktar flessibbli

Is-sistema ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni hija komprensiva u mfahhira b'mod wiesa' – hija sistematikament tikseb l-oġġla punteġġ fil-klassifikazzjonijiet tal-OECD²⁰. Il-firxa ta' strumenti ta' konsultazzjoni kompliet tespandi dan l-aħħar biż-żieda ta' djalogi ta' implimentazzjoni jew kontrolli tar-realtà²¹. Filwaqt li s-sistema ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni għandha prestazzjoni għolja, il-partijiet ikkonċernati wrew tħassib dwar id-

²⁰ OECD Regulatory Policy Outlook 2025, ara l-Illustrazzjonijiet 2.1 u 2.2 dwar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp tal-liġijiet primarji u r-regolamenti subordinati, https://www.oecd.org/content/dam/oecd/en/publications/reports/2025/04/oecd-regulatory-policy-outlook-2025_a754bf4c/56b60e39-en.pdf.

²¹ Dawn l-istrumenti kellhom rwol ta' suċċess fl-aġenda ta' simplifikazzjoni tal-Kummissjoni, u kkontribwew għall-ittestjar tal-istress tal-leġiżlazzjoni eżistenti kif ukoll għat-tħejjija ta' proposti omnibus u proposti oħra ta' simplifikazzjoni.

durata tal-konsultazzjonijiet, konsultazzjonijiet li jikkoinċidu, talbiet ripetittivi għal informazzjoni u feedback insuffiċjenti.

Biex tindirizza dan it-tħassib, il-Kummissjoni se tintegra aħjar id-diversi strumenti ta' konsultazzjoni, tevita t-trikkib u tkompli tiżgura aċċessibbiltà massima għaċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati kollha. Filwaqt li kull strument ta' konsultazzjoni jservi skop u jista' jindirizza udjenza kemxejn differenti, il-firxa ta' strumenti għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni ma għandhiex tirriżulta f'sejħiet ripetittivi għall-istess kontribut mill-istess partijiet ikkonċernati.

Se nistinkaw biex nikkonsultaw lill-pubbliku darba biss dwar l-istess inizjattiva, jew permezz ta' sejħa għal evidenza jew bl-użu ta' kwestjonarju, flimkien ma' konsultazzjonijiet immirati kif meħtieġ, filwaqt li nfittxu fehmiet u kontributi differenti u l-parteċipazzjoni ta' sett varjat ta' partijiet ikkonċernati rilevanti. Dokument simplifikat ta' sejħa għal evidenza se jiffoka l-informazzjoni mitluba fuq aspetti ewlenin sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet sinifikanti b'mod aktar faċli.

Se jiġi ottimizzat ukoll it-twaqqit ġenerali tal-konsultazzjonijiet. Kif mitlub minn ħafna partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni, kull meta jkun possibbli, se tevita li tgħodd il-perjodi ewlenin tal-vaganzi bħala parti mill-ħin ġenerali tal-konsultazzjoni. Meta jitwettqu konsultazzjonijiet pubbliċi u/jew immirati oħra għall-istess inizjattiva, il-perjodu ta' żmien standard ta' 12-il ġimgħa għall-kwestjonarji ta' konsultazzjoni pubblika jista' jitnaqqas b'massimu ta' sitt ġimgħat.

Il-Kummissjoni se tinforma wkoll lill-partijiet ikkonċernati direttament meta s-sommarju tat-tweġibiet għall-konsultazzjonijiet isir disponibbli fuq il-portal "Semma' Leħnek". Tali mekkaniżmu awtomatizzat ta' notifika se jtejjeb it-trasparenza u jippermetti lill-parteċipanti jaċċessaw faċilment ir-riżultati tal-konsultazzjoni.

Barra minn hekk, se ninvolvu aħjar lill-Kumitati Konsultattivi u lin-networks tagħhom, bħan-Network ta' Ċentri Reġjonali, f'attivitajiet ta' konsultazzjonijiet, billi niffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom u nipprovdu feedback dwar il-kontributi tagħhom.

Valutazzjoni ta' emendi sinifikanti

Matul il-proċess leġiżlattiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jagħmlu emendi sostanzjali għall-proposti oriġinali tal-Kummissjoni. Fil-prattika, l-istituzzjonijiet li jipproponu dawn l-emendi ma jivvalutawx l-impatt tagħhom, minkejja l-impenn tagħhom li jagħmlu dan "meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġiżlattiv"²². Mingħajr tali valutazzjonijiet, l-analiżi tal-impatti mistennija ta' liġi ma tkunx kompluta u ssir potenzjalment qarrieqa, u b'hekk possibbilment tirriżulta f'piżijiet oġhla jew f'diffikultajiet mhux mistennija fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Biex ittejjeb din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi approċċ koerenti, prammatiku u kollaborattiv, ibbażat fuq tliet linji għal ħidma komuni fost l-istituzzjonijiet.

L-ewwel nett, l-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu lejn fehim kondiviż ta' x'jikkostitwixxi emenda sostanzjali. Eżempji ta' emenda sostanzjali jistgħu jinkludu l-espansjoni tal-kamp ta'

²² Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, ĠU L 123, p. 1, [EUR-Lex - 32016Q0512\(01\) - MT - EUR-Lex](#). Filwaqt li fil-passat il-Parlament Ewropew wettaq xi valutazzjonijiet bħal dawn, dan ma għadux il-każ. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill qatt ma għamel dan.

applikazzjoni ta' proposta biex tkopri l-mikrokumpaniji jew l-SMEs, jew miżuri li x'aktarx jirriżultaw f'kostijiet addizzjonali ta' konformità, rekwiżiti ġodda ta' rapportar għan-negozji jew l-amministrazzjonijiet, jew nefqiet pubbliċi addizzjonali. Hemm sett konġunt ta' parametri li jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jidentifikaw u jivvalutaw l-emendi sostantivi tagħhom.

It-tieni, ladarba tkun ġiet identifikata emenda sostanzjali, l-istituzzjoni li tippreżentaha tipprovdi valutazzjoni tal-impatti u tikkwantifika l-kostijiet jew l-iffrankar bl-użu ta' metodu sempliċi għall-kalkolu tal-kostijiet. F'każ ta' kostijiet amministrattivi jew għall-iffrankar, il-“mudell tal-kost standard” jagħmilha aktar faċli li jiġu kkalkulati u rrapportati tali kostijiet u ffrankar.

Fl-aħħar nett, l-impatti ta' tali emendi sostanzjali jistgħu jiġu ppreżentati f' mudell konċiż. Dan ikun jinkludi elementi bħal deskrizzjoni ġenerali, kostijiet u benefiċċji addizzjonali mistennja, il-partijiet ikkonċernati affettwati, l-impatt fuq il-kompetittività u fuq l-innovazzjoni.

Azzjonijiet ewlenin

- **Firxa usa' ta' attivitajiet** b'impatti sinifikanti, akkumpanjata minn **valutazzjoni tal-impatt** u skrutinizzata mill-**Bord tal-Iskrutinju Regolatorju**.
- **Valutazzjonijiet tal-impatt** aktar **iffukati**, ibbażati fuq **matriċi inizjali tal-impatti ewlenin** u fuq approċċ aktar **proporzjonat**.
- **Rekwiżiti minimi** għal **inizjattivi urġenti** fl-ambitu ta' **perkorsi aċċellerati**.
- **Sejħa għal evidenza** li tiġi simplifikata biex tiffoka fuq informazzjoni ewlenija għal partijiet ikkonċernati.
- **Skedi ta' żmien ta' konsultazzjoni** ottimizzati u aktar flessibbli, filwaqt li jitqiesu l-perjodi ta' **vaganzi**.
- Użu **integrat** u **flessibbli** ta' **strumenti ta' konsultazzjoni** differenti biex tiġi evitata l-għeja tal-konsultazzjoni u għall-aċċess ta' varjetà wiesgħa ta' fehmiet u kontributi.
- **Notifika** awtomatizzata diretta lir-rispondenti tas-sommarji tal-konsultazzjoni.
- L-aġġornament tal-**linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar** u l-**mudelli tal-valutazzjoni tal-impatt** u **tal-evalwazzjoni** biex jirriflettu dan it-titjib.
- **Ħidma** kontinwa mal-koleġislaturi biex tiġi żviluppata u implimentata **metodoloġija komuni** sabiex **kull istituzzjoni tivvaluta l-emendi sostanzjali tagħha**.

3. TINDIF REGULATORJU FIL-FOND

Il-korp tad-dritt tal-UE kiber maż-żmien. Dan jirrifletti r-responsabbiltajiet dejjem akbar tal-UE, ir-rwol tagħha fl-avvanz tas-suq uniku, u l-kwistjonijiet dejjem aktar eżiġenti u kumplessi

li hija mistiedna tindirizza. F'ħafna każijiet, il-leġiżlazzjoni tal-UE qed tissostitwixxi 27 sett differenti ta' regoli nazzjonali. Madankollu, id-daqs u d-densità enormi tad-dritt tal-UE, u l-interazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni tal-UE mad-dritt nazzjonali, jistgħu jirriżultaw f'kumplessità bla bżonn, piżijiet ta' konformità ripetittivi u inkonsistenzi potenzjali. L-akkumulazzjoni tar-regoli saret kwistjoni fil-biċċa l-kbira tal-ġurisdizzjonijiet żviluppati²³.

Il-partijiet ikkonċernati argumentaw b'mod konsistenti, inkluż fis-sejħa għal evidenza, li l-isforzi ta' simplifikazzjoni jridu jestendu għar-rieżami u l-konsolidazzjoni tal-miżuri eżistenti. Filwaqt li leġiżlazzjoni ġdida tibqa' essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti u jiġu aġġornati r-regoli tagħna, huwa daqstant importanti li tiġi ġestita l-ġabra ta' regoli biex jittejbu ċ-ċarezza, il-konsistenza u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni ġdida.

Fl-2025, il-Kummissjoni pproponiet miżuri ambizzjużi ta' simplifikazzjoni, filwaqt li bniet fuq il-Komunikazzjoni tagħha għal Ewropa aktar sempliċi u rapida²⁴. Għaxar pakketti omnibus u proposti oħra ta' simplifikazzjoni għandhom, ladarba jiġu adottati mill-koleġiżlaturi, jirriżultaw f'iffrankar rikorrenti tal-kostijiet ta' mill-anqas EUR 15-il biljun għan-negozji u l-amministrazzjonijiet. Dak il-momentum qed jiġi sostnut, b'diversi proposti omnibus ġodda li qed jiġu żviluppati u miżuri addizzjonali ta' simplifikazzjoni li għaddejjin bħalissa. Aktar minn nofs l-inizjattivi leġiżlattivi tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2026 se jikkontribwixxu biex id-dritt tal-UE jsir eħfef, aktar ċar u aktar faċli biex jiġi implimentat²⁵.

Barra minn hekk, rieżami tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni wassal biex madwar 30 % tal-atti ppjanati għall-2026 jiġu deprioritizzati. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni sekondarja tilħaq l-oġettivi tagħha, tibqa' proporzjonata u tiffoka fuq oqsma fejn l-azzjoni tal-UE tagħti l-akbar valur miżjud.

Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tindif Regulatorju fil-Fond

Kull Membru tal-Kulleġġ huwa responsabbli għat-twettiq ta' skrinjar komprensiv tal-istokk leġiżlattiv taħt ir-responsabbiltà tiegħu jew tagħha, biex jivvaluta jekk jibqax rilevanti u jekk jibqax adattat għall-iskop tiegħu. Din hija parti integrali mill-ittestjar tal-istress stabbilit fil-Linji Gwida Poliċi tal-Kummissjoni u mill-ittri ta' missjoni tal-Kummissarji²⁶. L-iskrinjar tal-leġiżlazzjoni jħares lejn l-oqsma kollha ta' politika u jinkludi wkoll atti delegati u ta' implimentazzjoni.

Biex iżżid dawn l-isforzi u tagħtihom prijorità akbar, il-Kummissjoni qed tniedi Pjan ta' Azzjoni dwar it-Tindif Regulatorju fil-Fond. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jiffoka fuq 12-il qasam, stabbiliti fl-Anness 1. Dawn se jiġu eżaminati bħala kwistjoni ta' prijorità fl-2026 u fl-2027, bil-għan li jitnaqqsu l-kumplessità u l-frammentazzjoni biex jittejbu l-effettività u l-effiċjenza tagħhom.

It-12-il qasam ta' prijorità – il-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi, is-servizzi finanzjarji, id-dwana, it-tassazzjoni, is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel, l-agrikoltura, it-trasport, l-enerġija, il-klima, l-ambjent, il-qasam diġitali, l-akkomodazzjoni u l-permessi – intgħażlu abbażi ta'

²³ OECD Economic Outlook, https://www.oecd.org/en/publications/oecd-economic-outlook-volume-2025-issue-2_9f653ca1-en.html

²⁴ Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, COM(2025) 47

²⁵ Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2026, COM(2025) 870

²⁶ L-Għażla Quddiem l-Ewropa: Il-Linji Gwida Poliċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029

analiżi interna tal-isfidi ta' implimentazzjoni u tal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, inkluż fid-djalogi dwar l-implimentazzjoni u l-kontrolli tar-realtà.

It-tindif profond huwa mistenni jirriżulta f' miżuri leġiżlattivi jew f' miżuri oħra li jindirizzaw dispożizzjonijiet skaduti, trikkib, inkonsistenzi jew rekwiżiti żejda li joħolqu piż bla bżonn. Dan se jrawwem ukoll il-konsolidazzjoni f'oqsma kkaratterizzati minn frammentazzjoni regolatorja għolja, u jista' jwassal għall-irtirar ta' proposti individwali tal-Kummissjoni, f'każijiet fejn dawn jistgħu ma jibqgħux jirriflettu r-realtajiet attwali jew fejn il-progress fost il-koleġiżlaturi jkun waqaf.

Eżempji ta' miżuri possibbli jinkludu l-armonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi, is-simplifikazzjoni tar-regoli frammentati, it-tnaqqis tal-obbligi ta' rapportar u l-isfruttar tal-istrumenti diġitali biex titnaqqas il-burokrazija. Il-Pjan ta' Azzjoni jfittex li jrawwem it-trasparenza u l-prevedibbiltà, filwaqt li jiżgura li l-liġijiet tal-UE jkunu adattati għall-iskop tagħhom filwaqt li jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għan-negozji, għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għaċ-ċittadini.

Sabiex jingħata l-impetu meħtieġ għal dan it-tindif regolatorju fil-fond, il-Kulleġġ tal-Kummissarji se jirrevedi regolarment il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-progress se jkun parti mir-rappurtar annwali tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar.

Il-Pjattaforma tas-Simplifikazzjoni – grupp ġdid ta' esperti ta' livell għoli

Dawn l-isforzi regolatorji ta' tindif fil-fond se jkunu appoġġati minn grupp ta' partijiet ikkonċernati ta' livell għoli, il-Pjattaforma tas-Simplifikazzjoni²⁷. Il-grupp il-ġdid²⁸ se jlaqqa' flimkien l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-Kumitat tar-Reġjuni – appoġġat min-*Network ta' Ċentri Reġjonali* –, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, *sħab soċjali*, negozji, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-parteċipanti se jagħmlu suġġerimenti dwar kif ir-regoli tal-UE u l-implimentazzjoni tagħhom jistgħu jsiru aktar sempliċi u faċli biex jiġu applikati għall-pubbliku, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet, filwaqt li jżommu rekord tal-progress u tal-ħtiġijiet emerġenti.

Azzjonijiet ewlenin

- It-twettiq ta' **tindif regolatorju fil-fond** kif stabbilit fil-pjan ta' azzjoni meħmuż.
- It-tfittxija ta' aktar kontribut mill-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati l-isfidi ta' implimentazzjoni u l-potenzjal ta' simplifikazzjoni, inkluż permezz ta' **konsultazzjonijiet, djalogi dwar l-implimentazzjoni u kontrolli tar-realtà**.
- It-twaqqif ta' grupp ġdid ta' esperti ta' livell għoli – **il-Pjattaforma tas-Simplifikazzjoni** – biex jappoġġa l-isforzi ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet.

²⁷ Dan il-grupp il-ġdid se jibni fuq il-ħidma tal-Pjattaforma Fit for Future, li kienet titħaddem bejn l-2021 u l-2024.

²⁸ C(2026) 8000

4. L-INDIRIZZAR TA' GOLD-PLATING REGULATORJU

L-ostakli għas-suq uniku jistgħu jirriżultaw minn għażliet ta' politika nazzjonali, proċeduri amministrattivi diverġenti, nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jew diġitalizzazzjoni mhux ugwali. Filwaqt li mhux dejjem imorru kontra d-dritt tal-UE, tali ostakli jfixklu l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku, xi drabi b'mod mhux intenzjonat. Min-naħa tagħhom, l-ostakli għas-suq uniku jimminaw il-prospertà u r-reżiljenza.

Ostaklu sinifikanti ta' dan it-tip huwa l-gold-plating regulatorju²⁹. Dan huwa fejn Stat Membru, meta jittrasponi jew jimplimenta d-dritt tal-UE f'qasam ta' politika partikolari, jintroduċi kamp ta' applikazzjoni usa', regoli jew obbligi aktar stretti li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti mill-att legali tal-UE³⁰. Il-ħolqien ta' proċeduri aktar ta' piż minn dak li hu meħtieġ biex jiġi implimentat id-dritt tal-UE jista' jitqies ukoll bħala gold-plating.

Anke meta dawn il-prattiki ma jammontawx għal ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE, għandhom it-tendenza li jkollhom effett detrimental fuq is-suq uniku u jfixklu l-operazzjonijiet tan-negozju, inkluż fil-livell nazzjonali, jew jaffettwaw indebitament id-drittijiet tal-individwi. Dawn jistgħu jwasslu wkoll għal kundizzjonijiet mhux uniformi għan-negozji u kostijiet oġġla ta' konformità, li jimminaw l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar il-kompetittività tal-Ewropa. Barra minn hekk, il-gold-plating jirriskja li jwassal biex ir-responsabbiltajiet ma jibqgħux ċari, peress li l-atturi ekonomiċi jistgħu jżommu lill-UE responsabbli għall-piżijiet regulatorji li fil-fatt joriġinaw minn għażliet ta' politika nazzjonali, u dan jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-UE.

L-indirizzar ta' dawn l-ostakli u t-tnaqqis tal-gold-plating huma possibbli biss fi sħubija mal-Istati Membri. B'dan il-ħsieb, il-Kummissjoni se taħdem fuq sett ta' strumenti tal-aħjar Prattiki u Kriterji biex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw u jevitaw il-gold-plating fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni nazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Dan jibni fuq l-impenn kollettiv biex jiġi evitat il-gold-plating, espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Marzu 2026. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri matul il-proċess tat-traspożizzjoni tad-direttivi, u se tgħin om jidentifikaw riskji potenzjali ta' gold-plating minn kmieni.

Il-konsultazzjonijiet, id-djalogi ta' implimentazzjoni li jsiru mill-Kummissarji u l-kontrolli tar-realtà se jintużaw mill-Kummissjoni biex tidentifika u teżamina l-isfidi ta' implimentazzjoni fil-forma ta' gold-plating. L-investigazzjoni fl-ambitu tal-“oqsma ta' prijorità għall-infurzar” (ara t-taqsimha apposta hawn taħt) tal-Kummissjoni se jgħinu wkoll biex jinstabu istanzi ta' gold-plating.

L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu wkoll għal dan il-ġbir ta' evidenza. Illum diġà jistgħu jimmarkaw meta l-miżuri nazzjonali tagħhom stess ikunu aktar stretti mid-dritt tal-UE f'bażi tad-data³¹, matul jew wara t-traspożizzjoni tad-direttivi. Madankollu, fil-prattika din l-għażla mhijiex qed tintuża.

²⁹ Il-gold-plating ġie identifikat bħala ostaklu fl-Istrateġija tas-Suq Uniku tal-2025, COM(2025) 500.

³⁰ Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Istati Membri li jadottaw miżuri aktar stretti f'ċerti oqsma ta' politika jekk dan ikun previst mit-Trattati.

³¹ THEMIS hija bażi ta' data kondiżiż bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri li fiha l-awtoritajiet nazzjonali jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni se tagħti spinta lill-użu ta' mekkaniżmi u fora eżistenti biex jiġu indirizzati l-ostakli dannużi u l-gold-plating fis-suq uniku. Is-Semestru Ewropew³² se jagħti sehmu, billi jidentifika l-ostakli ewlenin u l-kwistjonijiet ta' gold-plating f'kull Stat Membru u jindika każijiet li għandhom jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijorità. Il-Kummissjoni se tiddependi, fost l-oħrajn, fuq il-ħidma tat-Taskforce għall-Infurzar fis-Suq Uniku, li żviluppat approċċ kollaborattiv, flimkien mal-Istati Membri, biex tneħħi ostakli dannużi fis-suq uniku.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tqis ukoll ir-riskju ta' gold-plating meta tagħmel proposti leġiżlattivi u tifformulahom b'mod li jimminimizza dak ir-riskju (pereżempju, kif xieraq, billi tipprijoritizza regolamenti eżawrjenti fuq direttivi f'oqsma tas-suq uniku, filwaqt li tiżgura li r-regoli tal-UE jirregolaw b'mod eżawrjenti l-kwistjoni rregolata mill-att).

Azzjonijiet ewlenin

- L-appoġġ lill-Istati Membri fl-impenn tagħhom li jevitaw il-gold-plating permezz ta' **sett ta' strumenti bl-aħjar prattiki u gwida għat-traspożizzjoni.**
- **Identifikazzjoni aħjar u aktar bikrija** ta' każijiet ta' gold-plating, permezz ta' strumenti tal-Kummissjoni u flimkien mal-Istati Membri.
- L-identifikazzjoni ta' ostakli ewlenin u s-segwitu ta' kwistjonijiet ta' gold-plating għal kull Stat Membru permezz tas-**Semestru Ewropew** u t-**Taskforce għall-Infurzar fis-Suq Uniku.**

5. IMPLIMENTAZZJONI AĦJAR U INFURZAR ROBUST

L-aħjar regoli xorta jonqsu milli jiksbu l-impatt maħsub tagħhom meta l-implimentazzjoni tkun frammentata, imdewma jew inkonsistenti fl-Istati Membri. Tali nuqqasijiet mhux biss idgħajfu l-integrità tas-suq uniku u jimminaw il-kompetittività iżda wkoll idgħajfu l-fiduċja fl-istat tad-dritt, pedament tal-leġittimità tal-UE. Dan iġib miegħu spiża sinifikanti għan-nies u għan-negozji. Infurzar b'saħħtu u prevedibbli jirfed ukoll il-kredibbiltà tal-Unjoni fi sħubijiet internazzjonali u l-kapaċità tagħha li tippromwovi kooperazzjoni bbażata fuq ir-regoli.

Din il-Kummissjoni ħadet inizjattivi ewlenin biex issaħħaħ is-suq uniku³³ u tipproteġi l-istat tad-dritt³⁴. Żiedet l-appoġġ għall-implimentazzjoni lill-Istati Membri, billi pprovditilhom l-istrumenti biex jimplimentaw id-dritt tal-UE fil-ħin u b'mod korrett mill-bidu nett³⁵. Madankollu, infurzar kredibbli u effiċjenti huwa l-garanzija ta' kontinġenza meħtieġa biex tinkiseb konformità f'waqtha mar-regoli tal-UE jekk il-miżuri preventivi ma jirnexxux.

F'konformità mal-iskala tal-isfidi li tiffaċċja l-Ewropa u bil-għan li tibni r-reżiljenza għall-futur, il-Kummissjoni se żżid l-infurzar tad-dritt tal-UE. Se nieħdu miżuri għal infurzar aktar

³² Is-Semestru Ewropew hu l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u soċjali.

³³ Is-Suq Uniku: is-suq intern Ewropew tagħna f'dinja incerta: Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu, COM(2025) 500 final.

³⁴ Iċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt, https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/annual-rule-law-cycle_mt.

³⁵ Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni, COM(2025) 47

rapidu u robust tad-dritt tal-UE fl-oqsma kollha ta' politika u biex niżguraw trattament ugwali³⁶.

Oqsma ta' prijorità tas-suq uniku għall-infurzar

Is-suq uniku huwa l-mutur tal-innovazzjoni, tat-tkabbir u tal-kompetittività Ewropej³⁷. Konfrontati b'ostakli mhux ġustifikati, regoli nazzjonali diverġenti u kundizzjonijiet kummerċjali, in-negozji mhumiex qed jilhqnu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Dawn l-ostakli jfixxlu l-kompetizzjoni u jillimitaw l-attività u l-investment transfruntieri.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni qed iżżid il-ħidma tagħha fuq l-infurzar tal-ġabra ta' regoli tas-suq uniku. Identifikajna hdaq il-qasam ta' prijorità tas-suq uniku għall-infurzar fl-Anness 2, abbażi tar-rilevanza sistemika u ekonomika tagħhom. F'dawn l-oqsma, il-Kummissjoni se tinvestiga b'mod aktar proattiv lill-Istati Membri kollha u ssegwi kwistjonijiet identifikati, fejn meħtieġ, permezz ta' proċeduri ta' ksur rapidi. L-oqsma ta' prijorità elenkati huma relatati ma' kwistjonijiet b'impatt serju fuq il-funzjonament tas-suq uniku u effetti detrimental fuq in-negozji Ewropej. Il-Kummissjoni identifikat dawn l-oqsma abbażi ta' informazzjoni miġbura minn sorsi inklużi djalogi ta' implimentazzjoni, ilmenti taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati, u kwistjonijiet sistemiċi rrapportati miċ-ċentri SOLVIT li joperaw fl-UE kollha biex jindirizzaw problemi transfruntiera individwali. L-indirizzar ta' gold-plating mhux skont il-liġi se jiffurma wkoll parti mill-infurzar ta' dawn l-oqsma ta' prijorità³⁸.

L-oġġettiv huwa li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tas-suq uniku kemm jista' jkun malajr, bl-użu tal-istrument it-tajjeb għal kull każ. L-investigazzjonijiet se jiddependu fuq l-istrumenti eżistenti u se jibbażaw fuq skambji mal-Istati Membri fi gruppi ta' esperti, sessjonijiet ta' ħidma dwar it-traspożizzjoni u, fejn meħtieġ, laqgħat immirati. Id-djalogi ta' implimentazzjoni li jsiru mill-Kummissarji u l-kontrolli tar-realtà jistgħu jġibu wkoll kontribut siewi minn dawk li huma affettwati mir-regoli tal-UE fil-prattika. Il-Kummissjoni se żżid l-użu tagħha ta' djalogi ta' qabel il-ksur mal-Istati Membri biex tinvestiga ksur potenzjali tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku u fejn ikun hemm prospett realistiku ta' riżoluzzjoni rapida f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati.

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tniedi proċedura ta' ksur. Dan se jseħħ jew wara djalogu ta' qabel il-ksur li ma rnexxiex, jew mill-bidu nett fi ksur serju u evidenzjat sew. Meta titnieda

³⁶ Din il-Komunikazzjoni tikkomplementa iżda ma tissostitwixxi il-prijoritajiet ta' infurzar stabbiliti f'Komunikazzjonijiet preċedenti, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar" (C (2016) 8600) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati", COM (2022) 518 final.

³⁷ Skont il-Bank Ċentrali Ewropew, "[it]-tnaqqis tal-ostakli għall-merkanzija jwassal għal żieda fil-kummerċ intra-UE ta' 4,4 % u għal gwadanji stmati fil-prosperità ta' 1,3 %. Madankollu, anqas ostakli għall-kummerċ f'każ tas-servizzi jiksibu żieda akbar fil-kummerċ (14,5 %) u żieda akbar fil-prosperità (1,8%)", [artikolu ppubblikat bħala parti mill-Bullettin Ekonomiku tal-BĊE, il-Ħarġa 8/2025](#).

³⁸ Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività tat-30 ta' Jannar 2026 (COM (2026) 46) ħabbar l-Aġenda Annwali dwar l-Infurzar tas-Suq Uniku, li se tiġi ppubblikata kull sena. Il-prijoritajiet ta' infurzar għall-2026 huma parti mill-hdaq il-qasam ta' prijorità tas-suq uniku għall-infurzar inklużi f'din il-Komunikazzjoni. L-oqsma ta' prijorità huma mingħajr preġudizzju għall-monitoraġġ strett tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE f'oqsma ta' prijorità oħra, bħar-regoli biex titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija nadifa, kif stabbilit f'COM (2026) 370 tat-22 ta' April 2026 (AccelerateEU).

proċedura ta' ksur, l-għan huwa konformità rapida, xi ħaġa li hija riflessa mir-rata ta' suċċess tal-Kummissjoni kmieni fil-proċedura³⁹.

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tilħaq eżitu pożittiv mal-Istat Membru kkonċernat, la fi djalogu u lanqas fl-istadju ta' qabel il-litigazzjoni tal-proċedura ta' ksur, hija ma toqgħodx lura milli tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja kull meta jkun xieraq. Il-progress u l-eżitu tal-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni għal dawk l-oqsma ta' prijetà tas-suq uniku se jkunu parti mir-rapportar annwali tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar.

It-taffif tal-infurzar tad-dritt tal-UE

L-iżgurar tal-konformità mad-dritt tal-UE huwa essenzjali – mhux biss għall-funzjonament effettiv tas-suq uniku iżda wkoll għad-difiża tal-UE bħala komunità bbażata fuq l-istat tad-dritt. Ir-regoli tal-UE jwasslu l-benefiċċji maħsuba tagħhom għan-nies u għan-negozji biss meta l-Istati Membri jimplimentawhom b'mod korrett u fil-ħin. Dan huwa partikolarment kritiku fi żminijiet fejn l-istat tad-dritt ikun ġie taħt pressjoni madwar id-dinja u l-kummerċ internazzjonali qed jiġi mfixxkel.

Madankollu, għad hemm wisq direttivi li għadhom ma ġewx trasposti fil-ħin. Fl-2025, kważi 70 % tal-proċeduri l-ġodda ta' ksur irriżultaw minn traspożizzjoni tardiva tad-direttivi mill-Istati Membri, u dan waqqaf lin-nies u lin-negozji milli jibbenefikaw bis-sħiħ mid-dritt tal-UE. Dik is-sena, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sistematikament qabżu l-iskadenzi tat-traspożizzjoni, u dan ġiegħel lill-Kummissjoni tnedi 370 proċedura ta' ksur li jkopru s-36 direttiva għat-traspożizzjoni.

Filwaqt li l-Kummissjoni tagħxi malajr biex tiftaħ każijiet ta' ksur għal traspożizzjoni tardiva, il-progress u l-għeluq tagħhom spiss jieħu s-snin. Każijiet li jinvolvu traspożizzjoni inkorretta tad-direttivi u applikazzjoni ħażina tad-direttivi jew tar-regolamenti jieħdu saħansitra aktar fit-tul. Fl-2025, id-durata medja ta' każ ta' ksur magħluq f'dik is-sena kienet ta' kważi 3 snin, u kważi wieħed minn kull ħamsa dam għaddej fuq 5 snin⁴⁰. Sadanittant, ir-regoli tal-UE jiġu applikati b'mod inkonsistenti fl-Istati Membri kollha, u dan joħloq realtaziet mhux uniformi u inċertezza legali għan-nies u għan-negozji.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tkun qed tfittex li taċċellera l-azzjonijiet ta' infurzar tagħha f'każijiet fejn id-direttivi ma jkunux qed jiġu trasposti. Meta l-Istati Membri jonqsu milli jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni, se tissimplifika u tħaffef l-adozzjoni⁴¹ ta' opinjonijiet motivati, li jikkostitwixxu t-tieni stadju fi proċedura ta' ksur wara l-ittra ta' intimazzjoni lill-Istat Membru. Meta Stat Membru jonqos milli jinnotifika kwalunkwe miżura ta' traspożizzjoni (nuqqas sħiħ ta' traspożizzjoni) jew ma jipprovi l-ebda notifika addizzjonali ladarba tkun tnediet il-proċedura ta' ksur (nuqqas parzjali ta' traspożizzjoni), il-Kummissjoni, bħala regola, toħroġ opinjoni motivata fi żmien 6 xhur wara l-adozzjoni tal-ittra ta' intimazzjoni.

L-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni ċara u preċiża biżżejjed dwar is-sustanza tar-regoli nazzjonali li jittrasponu direttiva ġie mfakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja f'linja

³⁹ Żewġ terzi tal-proċeduri ta' ksur jiġu solvuti fl-ewwel stadju (wara l-ittra ta' intimazzjoni), filwaqt li madwar 95 % tal-każijiet jiġu solvuti qabel ma l-każ ikollu jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

⁴⁰ <https://ec.europa.eu/implementing-eu-law/member-state-infringement-cases/en#inline-nav-10>

⁴¹ B'mod partikolari permezz ta' użu aktar frekwenti tal-proċedura tal-għoti tas-setgħa għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fi proċedura ta' ksur.

ta' guriprudenza stabbilita sew⁴². Il-Qorti enfasizzat li tali informazzjoni hija meħtieġa biex il-Kummissjoni tiddetermina jekk Stat Membru jkunx ittraspona direttiva b'mod sħiħ. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni għenet lill-Istati Membri jistandardizzaw u jissimplifikaw is-sottomissjoni ta' tali spjegazzjonijiet⁴³ u se tkompli toffri appoġġ. Madankollu, jekk Stat Membru jonqos milli jipprovdi l-ispegazzjonijiet meħtieġa, tiġi applikata l-istess proċedura simplifikata bħal fil-każ ta' nuqqas ta' notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni msemmija hawn fuq.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni se tiegħu approċċ aktar strett għat-talbiet mill-Istati Membri biex testendi l-iskadenza ta' xahrejn għat-tweġiba għal ittra ta' intimazzjoni⁴⁴ (fit-tipi kollha ta' proċeduri ta' ksur). Fil-futur, l-estensjonijiet ġeneralment jingħataw biss fl-istadju tal-opinjoni motivata, dment li l-Istati Membri jirrikonossu l-ksur u jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti⁴⁵ li se jiġu vvalutati b'mod strett. Fl-istadju tal-ittra ta' intimazzjoni, l-estensjonijiet limitati għall-iskadenza għat-tweġiba se jingħataw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna, bħal f'każijiet ta' force majeure, meta avvenimenti imprevedibbli jwaqqfu lill-Istat Membru milli jwieġeb fil-ħin.

Sa tmiem il-mandat tal-Kummissjoni, din għandha l-għan li tnaqqas l-għadd ta' każijiet ta' ksur li ilhom jeżistu. Biex jinkiseb dan, se tiffoka fuq kawżi miftuħa għal aktar minn 5 snin li għadhom ma ġewx riferuti lill-Qorti tal-Ġustizzja. L-isforzi tal-Istati Membri u l-attitudni kollaborattiva tagħhom se jkun kruċjali biex jiġu solvuti każijiet bħal dawn.

Sfruttar tal-intelliġenza artifiċjali

Mod ieħor kif jiġihaffef l-infurzar huwa billi jiġihaffu l-kontrolli tal-konformità tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tirrifletti s-sistema kostituzzjonali, proċedurali u amministrattiva unika ta' kull Stat Membru, u l-verifika ta' dawn il-miżuri teħtieġ iż-żmien u r-riżorsi. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tintroduċi l-użu ta' strumenti iddedikati tal-IA biex tassisti fil-kontroll ta' kif l-Istati Membri jittrasponu d-dritt tal-UE. Dawn l-istrumenti se jgħinu wkoll lill-Kummissjoni tidentifika każijiet potenzjali ta' gold-plating, li jikkontribwixxu għal valutazzjoni aktar sistematika madwar l-Istati Membri. Fl-2026, il-Kummissjoni se tibda proġett pilota għall-kontrolli tal-konformità tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni. L-IA se tappoġġa – mhux tissostitwixxi – il-valutazzjoni umana u se tkun soġġetta għal salvagwardji stretti⁴⁶. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw ukoll l-IA biex jaċċelleraw il-ħidma tagħhom ta' traspożizzjoni u monitoraġġ.

Tisħiħ tad-deterrenti

Infurzar robust jeħtieġ deterrenti kredibbli. Wara li jidentifikaw u jinvestigaw ksur tad-dritt tal-UE, il-partijiet kollha jridu jaħdmu flimkien biex isolvuh. Jekk dan ma jirnexxi u l-Istat

⁴² Is-sentenza fundamentali tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-543/17, ECLI:EU:C:2019:573, il-punt 59.

⁴³ Pereżempju, billi jipprovdu lill-Istati Membri b'mudell li jistgħu jużaw biex jippreżentaw l-ispegazzjoni.

⁴⁴ L-għan tal-ittra ta' intimazzjoni huwa li tfittex l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni, spiss wara djalogi ta' qabel il-ksur jew skambji bilaterali. Dewmien mhux ġustifikat ifixkel il-valutazzjoni tal-Kummissjoni u jirriskja trattament mhux ugwali bejn l-Istati Membri.

⁴⁵ It-talba għandha tinkludi skeda realistika u ċara biżżejjed tal-miżuri li għandhom jittieħdu; It-talba trid tkun maħsuba biex tippermetti lill-Istat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma mal-opinjoni motivata; jista' jkun hemm talba waħda biss biex tiġi estiża l-iskadenza għat-tweġiba; it-talba għandha tasal għand is-Segretarjat Ġenerali qabel l-iskadenza inizjali; u ż-żmien addizzjonali mogħti ma jistax jaqbeż it-3 xhur.

⁴⁶ L-esklużjoni ta' kwalunkwe riskju ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet u l-iżgurar ta' amministrazzjoni tajba.

Membru xorta ma jikkonformax, il-Kummissjoni tista', f'żewġ sitwazzjonijiet⁴⁷, tintroduċi proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja b'talba biex timponi sanzjonijiet finanzjarji.

F'każijiet fejn it-traspożizzjoni ta' direttiva ma tkunx kompluta, it-Trattati diġà jipprevedu sanzjonijiet finanzjarji meta l-Kummissjoni tirreferi Stat Membru għall-ewwel darba lill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-każ, fis-sentenza tagħha l-Qorti ma tistax tmur lil hinn mill-ammont propost mill-Kummissjoni. Jekk Stat Membru jonqos milli jikkonforma mal-ewwel sentenza u jkollu jiġi riferut għat-tieni darba lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa biex tiddeċiedi dwar ammont oġġla minn dak propost mill-Kummissjoni (u għamlet dan f'dawn l-aħħar snin). In-nuqqas ta' traspożizzjoni jimpedixxi l-applikazzjoni tad-direttiva fl-ordni legali nazzjonali, li jfisser li n-nies u n-negozji huma m'caħħda mid-drittijiet u l-vantaġġi mogħtija minn direttiva⁴⁸.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u tal-ħtieġa li jiġu żgurati sanzjonijiet finanzjarji dissważivi biżżejjed kontra l-Istati Membri, il-Kummissjoni se tkun sistematikament aktar stretta meta tikkalkula l-penali li għandhom jiġu proposti lill-Qorti, li jwasslu għal ammonti oġġla.

Ħidma mal-Istati Membri biex tinkiseb konformità aħjar

It-tneħħija tal-ostakli eżistenti hija biss nofs l-isfida – il-prevenzjoni ta' ostakli ġodda hija daqstant ieħor importanti. Minħabba leġiżlazzjoni li qed tevolvi malajr, riżorsi limitati u l-ħtieġa għal rispons rapidu għall-kriżijiet, huwa kruċjali li r-regoli l-ġodda jiġu implimentati b'mod korrett mill-bidu nett.

Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ f'responsabbiltà kondiviża mal-Istati Membri biex tinkiseb konformità sħiħa mad-dritt tal-UE. Matul l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni ttipprovdi appoġġ qawwi lill-Istati Membri fil-forma ta' strateġiji ta' implimentazzjoni, pjanijiet direzzjonali ta' traspożizzjoni, gwida mfassla apposta u gruppi ta' ħidma ddedikati. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinvolvu ruħhom b'mod proattiv mal-Kummissjoni billi jaqsmu l-isfidi tal-implimentazzjoni kmieni. B'dan il-mod, tista' tiġi evitata l-implimentazzjoni frammentata tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Maż-żmien, l-għadd ta' direttivi ġodda naqas, filwaqt li r-regolamenti bħala strument leġiżlattiv qed isiru aktar importanti u jeħtieġu approċċi ta' monitoraġġ differenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jkollhom bżonn isaħħu l-monitoraġġ tagħhom tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti tal-UE. Fl-2026, il-Kummissjoni se tiżviluppa strument ġdid tal-IT biex ttiprovdi punt ta' dħul uniku għall-Istati Membri biex jikkomunikaw mal-Kummissjoni u biex jinnotifikaw il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali sal-iskadenzi stabbiliti fir-regolamenti (pereżempju meta jaħtru awtoritajiet kompetenti). L-istrument se jgħin ukoll lill-Kummissjoni ttiprovdi gwida sistematika dwar l-implimentazzjoni

⁴⁷ B'mod partikolari (i) meta Stat Membru jonqos milli jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonforma ma' sentenza preċedenti tal-Qorti li tikkonstata ksur tad-dritt tal-UE (l-Artikolu 260(2) TFUE), u (ii) meta Stat Membru jonqos milli jissodisfa l-obbligu tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu direttiva adottat skont proċedura leġiżlattiva (l-Artikolu 260(3) TFUE).

⁴⁸ Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ksur fil-qasam ta' nuqqas ta' komunikazzjoni tfakkar b'mod kostanti li "l-obbligu/i ta' [traspożizzjoni/ta' komunikazzjoni] jikkostitwixxi/u obbligi essenzjali ta' Stati Membri sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni, u li n-nuqqas ta' twettiq ta' dawn l-obbligi għandu, għaldaqstant, jitqies bħala ta' gravità ċerta (is-sentenza tal-25 ta' April 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-147/23, ECLI:EU:C:2024:346, il-punt 72).

lill-Istati Membri u twettaq sorveljanza sistematika tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti.

Madankollu, mhux l-ostakli kollha jirriżultaw minn implimentazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE. Ħafna jirriżultaw minn regoli nazzjonali unilaterali. Kooperazzjoni effettiva tfisser ukoll li l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jintroduċu regoli nazzjonali li jistgħu jsiru problematiċi għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u implimentazzjoni konsistenti tar-regoli tal-UE.

Biex tnaqqas il-frammentazzjoni legali, il-Kummissjoni se ssaħħa l-użu ta' strumenti eżistenti bħad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku⁴⁹ u d-Direttiva dwar is-Servizzi⁵⁰, li jirrikjedu li l-Istati Membri jinnotifikaw abbozzi ta' miżuri nazzjonali u jesploraw aktar titjib f'dawn il-proċeduri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mekkaniżmi b'saħħithom biex jipprevjenu l-inkompatibbiltajiet mad-dritt tal-UE fi stadju bikri, qabel ma jkunu ġew adottati l-miżuri nazzjonali, u b'hekk jeliminaw il-ħtieġa għal ħidma futura ta' infurzar u jgħibu titjib fl-effiċjenza kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri.

Skont is-sistema ta' trasparenza maħluqa mid-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw abbozzi ta' miżuri li jikkonċernaw ċerti prodotti u servizzi qabel ma jadottawhom. Il-Kummissjoni tirreżamina dawn l-abbozzi skont id-dritt tal-UE, b'parteċipazzjoni ugwali mill-Istati Membri kollha, li jistgħu jissottomettu l-valutazzjonijiet tagħhom stess. Wara n-notifika, japplika "perjodu ta' sospensjoni" ta' 3 xhur, li matulu l-Istat Membru notifikanti ma jistax jadotta l-miżura. Dan jippermetti żmien għal feedback u aġġustamenti. Il-partijiet ikkonċernati huma infurmati bis-sħiħ permezz tal-pjattaforma "TRIS" u jistgħu jipprovdu feedback sinifikanti biex jevitaw l-ostakli fil-livell nazzjonali.

F'każ ta' miżuri nazzjonali li jaqgħu taħt l-obbligu ta' notifika tad-Direttiva dwar is-Servizzi, ma japplika l-ebda perjodu ta' sospensjoni iżda l-Kummissjoni qed tinvolvi lill-Istati Membri biex jinnotifikaw volontarjament il-miżuri kemm jista' jkun fi stadju ta' abbozz, biex jiżied l-impatt preventiv tan-notifiki.

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni indikat tħassib dwar il-konformità fl-abbozzi ta' miżuri, b'mod partikolari fis-setturi agroalimentari, tas-servizzi diġitali u ambjentali. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha indirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

Filwaqt li tiegħu vantaġġ sħiħ minn dan l-istrument preventiv, il-Kummissjoni se tniedi b'mod sistematiku proċeduri ta' ksur jekk il-ksur identifikat jibqa' mhux solvut. Se tiżgura wkoll konformità sħiħa mad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku billi tiegħu azzjoni ta' infurzar meta l-Istati Membri jinjoraw ir-rekwiżiti proċedurali (eż. jekk ma jikkonformawx mal-perjodu ta' sospensjoni) jew ma jinnotifikawx l-abbozzi tal-atti tagħhom. Il-Kummissjoni se tipproċedi bl-istess mod fir-rigward ta' dispożizzjonijiet simili li jistgħu jiġu introdotti f'leġiżlazzjoni futura, bħala parti mill-isforzi ta' infurzar mit-tfassil.

Fl-aħħar nett, apparti l-miżuri ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni speċjali lir-rispett tal-obbligi skont id-dritt tal-UE, speċjalment fir-rigward tal-funzjonament xieraq tas-

⁴⁹ Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

⁵⁰ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

suq uniku, fil-qafas finanzjarju li jmiss u b'mod partikolari fir-rigward tal-miżuri fil-kuntest tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

Azzjonijiet ewlenin

- Is-soluzzjoni malajr tal-kwistjonijiet identifikati **fl-oqsma ta' prijorità tas-suq uniku għall-infurzar** u għar-riferiment tal-kwistjonijiet persistenti lill-Qorti tal-Ġustizzja, fejn xieraq.
- **Proċeduri ta' ksur aktar rapidi** minħabba traspożizzjoni mhux kompluta tad-direttivi, permezz ta' opinjonijiet motivati aktar rapidi u segwitu sistematiku fejn l-Istati Membri ma jkunux ipprovdew dokumenti ta' spjegazzjoni.
- **Anqas estensjonijiet tal-iskadenzi** għall-Istati Membri biex iwieġbu lill-Kummissjoni fi proċeduri ta' ksur.
- L-introduzzjoni tal-użu ta' **strumenti ddedikati tal-intelliġenza artifiċjali** biex jassistu fit-tħaffif tal-valutazzjonijiet tat-traspożizzjoni, u b'hekk jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mingħajr ma tiġi compromessa l-akkuratezza u jiġu żgurati salvagwardji stretti.
- **It-tnaqqis tal-għadd ta' każijiet ta' ksur fit-tul** sa tmiem il-mandat ta' din il-Kummissjoni, b'enfasi partikolari fuq każijiet li ilhom miftuħa għal aktar minn 5 snin li ma jkunux ġew riferuti lill-Qorti tal-Ġustizzja.
- **Penali finanzjarji aktar dissważivi** kontra l-Istati Membri proposti lill-Qorti tal-Ġustizzja.
- Minbarra l-iskrutinju eżistenti tat-traspożizzjoni tad-direttivi, **monitoraġġ aħjar tar-regolamenti tal-UE** permezz ta' strument ġdid tal-IT biex jiġu ċentralizzati n-notifiki tal-Istati Membri jekk rilevanti, u biex tiġi sistematizzata l-gwida għall-implimentazzjoni u tissaħħaħ is-sorveljanza mill-Kummissjoni.
- **Titjib fil-prevenzjoni tal-ksur tar-regoli tas-suq uniku**, bl-użu tar-rekwiżiti ta' notifika skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku u d-Direttiva dwar is-Servizzi.